MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 356/1997/2

**Kunsill Lokali Mellieha; Saviour Vella bhala Sindku tal-Kunsill Lokali Mellieha; Joseph Borg, Bro. Geoffrey Scerri, Emma Azzopardi, Aldo Laferla u Anton Azzopardi**
**In rapprezentanza tal-kumitat dwar Santa Marija Estate; Abela Anthony, Abela John, Abela Frank, Anstey Betty Mary, Azzopardi Karl/Emma, Bailles Zelia Lynn, Bartolo Emvin, Beck William, Blagg Bernard, Bonanno Joe, Bonello Pierre, Bonanno Kenneth, Bonnici Edward, Bonnici John, Borg John, Borg Josephine, Borg John, Borg Geraldine, Borg Isabella, Borg Paul, Borg Mary Ann, Bugeja Joseph, Camilleri John, Camilleri Emily, Cassar Miriam,**

**Chetcuti Joseph, Cilia Vincent, Dalli George, Debattista Joseph, Debrincat Evan, Debono Sylvia, Debono John, Debono Jacky, Debono Vince, Dickensen Ronald, Dodebier Carmen, Degaetano Joe, Ewen Pamela, Falzon Salvatore, Fiorenino Paul, Galea Michael, Galea Edward, Galea Mario, Galea Theresa, Gambin Carmel, Gatt Christopher, Grech Joe, Grima Emanuel, Hall Peter George, Hilton Kenneth, Hooper Doris, Hipwell William, Holland John, Hotstede William, Jepsen Carl, Lamanna Sophie, Leete Denis, Lewis John, Lovatt James Ross, Magro Mary, Magro Christine, Mallia Mary, Marino Paolo, Micallef Alfred, Mintoff Raymond, Muscat Maria, Nolan Patrick, Pace Huge, Pantalleresco Sam, Parnis Vincent, Pavia Marian, Patridge Hugh, Petterson John, Peplow Roy, Reitmann Freddy, Richardson Keith, Saliba Caroline, Sammut Spiridione, Schembri Guzeppi, Scerri Br. Jeffrey, Stellini David, Stoner Evelyn, Stoner Paul, Thornton Herman J, Vassallo Ray, Turner Michael, Trapani Michael, Vassallo George, Vella Paul, Vella Patrick, Vella Joseph, Vella Maryanne, Vella Nazzareno, Vella Seraphin, Vella Bardon Henriette, Vella Godfrey, Wolls Victor John**

**vs**

**Central Mediterranean Development Corporation Limited (Cenmed) u b'digriet tas-16 ta' Marzu, 1998 gie kjamat *in kawza "Direttur tat-Toroq"***

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ghar-ritrattazzjoni pprezentat mis-socjeta' konvenuta fis-17 ta' Mejju, 2005, li *in forza* tieghu, wara li gie premess illi:

1. Permezz ta' Att ta' citazzjoni, l-atturi wara li ppremettew illi l-Estate ta' Santa Marija fil-Mellieha hija proprjeta' privata tas-socjeta' konvenuta *"Cenmed"* ossija *"Central Mediterranean Development Corporation*

*Limited”*; illi s-socjeta’ konvenuta obbligat ruhha permezz ta’ diversi kuntratti pubblici illi tikkostruwixxi triqat li jaghtu access ghall-*‘plots’* u tipprovdi sistema ta’ drenagg u ilma u elettriku tul it-triqat imsemmija u illi tiehu hsieb il-manutenzjoni ta’ l-istess toroq u servizzi *a spejjez* taghha; illi s-socjeta’ konvenuta mihiex qieghda twettaq l-obbligi minnha assunti bhala proprjetarja eskluziva ta’ l-imsemmija Estate;

Ghaldaqstant l-Prim Awla tal-Qorti Civili giet mitluba sabiex: (i) tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija obbligata li tikkostruwixxi u zzomm fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni u riparazzjoni t-triqat ta’ Santa Marija Estate *a spejjez* taghha; (ii) tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta biex, fi zmien qasir u perentorju li l-Qorti tipprefiggi, tesegwixxi x-xogholijiet kollha necessarji biex jigu mwettqa l-imsemmija obbligi kontrattwali, taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi; (iii) tawtorizza lill-atturi jew min minnhom biex, fin-nuqqas, jesegwixxu l-istess xogholijiet huma stess taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi *a spejjez* tas-socjeta’ konvenuta. Bl-ispejjez inkluzi.

Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet, is-socjeta’ konvenuta eccepiet illi fl-ewwel lok ghandu jigi kjamat in kawza l-Gvern ta’ Malta li kien huwa li ttrasforma t-toroq ta’ Santa Marija Estate minn privati ghal pubblici u dan minkejja l-protesti tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk il-Gvern kien assuma fuqu l-obbligu li jmantni u jzomm fi stat tajjeb it-toroq ta’ Santa Marija Estate; fit-tieni lok illi l-attur Kunsill Lokali Mellieha ghandu jigi mahrug mill-kawza odjerna billi ma hemm l’ebda rabta kontrattwali bejn is-socjeta’ konvenuta u kif ukoll minhabba l-fatt li l-istess ma’ jistax jipprocedi b’dan il-mod billi r-rappresentanza guridika qeghda f’idejn is-Sindku u s-segretarju u ghalhekk kwantu ghalihom l-atti huma rritwali u ghandhom jigu michuda; illi fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Kumitat dwar Santa Marija Estate ghandu jipprezenta kopja formali tal-istatut tieghu billi ma jidhirx li huwa korp morali *ai termini* tal-ligi u jindika l-interess guridiku tieghu kif inhuwa differenti minn dak tac-censwalisti temporanji l-ohra; u illi fir-raba’ lok l-atturi li ddentifikaw rwiehom bhala residenti ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom

billi jirrizulta li diversi minnhom m'humiex aktar il-enfitewta tal-artijiet indikati minnhom u ghalhekk iridu johorgu mill-kawza; u fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti m'ghandhomx l-obbligu li jmantnu t-toroq billi *ai termini* tal-artikolu seba' (7) tal-kuntratti ta' cens temporanju huma l-enfitewti li ghandhom l-obbligu tal-manutenzjoni tat-toroq. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenut kjamat in kawza d-Direttur tat-Toroq eccepixxa li preliminarjament ic-citazzjoni odjerna hija nulla fil-konfront tal-esponent kjamat in kawza *stante* illi ebda ittra ufficjali jew protest ma gie notifikat lilu qabel l-istess citazzjoni u dan *ai termini* tal-artikolu 460(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-meritu jinghad illi l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur *stante* illi l-manutenzjoni tat-toroq privati li gew asfaltati mid-Dipartiment tat-Toroq ma jaqghux taht il-mansjoni tal-istess Dipartiment izda taht l-awtorita' tal-Kunsill Lokali u dan *a tenur* tal-artikolu 33(1)(a) u (2) tal-Att dwar il-Kunsill Lokali (Att nru. XV tal-1993); Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

L-ewwel Onorabbli Qorti b'sentenza tal-27 ta' Gunju, 2003 ikkonkludiet li kellha tkun is-socjeta' konvenuta u mhux il-Gvern jew il-kjamat in kawza – *sic* – li ghandha twiegeb ghat-talbiet attrici.

Ghalkemm, forsi mhux regolari, izda hawnhekk, bil-fors, biex jekk ikun jista' jkun, jigu ccarati certi affarijiet li din is-sentenza altrimenti iffisat – ghandu jigi rilevat li waqt li ntalbet il-kjamat in kawza tal-*"Gvern ta' Malta"* gie ammess fil-kawza *"id-Direttur tat-Toroq"* – b'rizultat illi f'din il-konkluzjoni l-Qorti tiddistingwi bejn *"il-Gvern jew il-kjamat in kawza"*.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza, id-Direttur tat-Toroq, il-Qorti rrilevat illi l-artikolu 460(1) ta' Kapitlu 12 mhux applikabli meta l-Gvern, korp jew persuna li jkollha kariga pubblika jigu msejha f'kawza skond l-artiklu 961 ta' Kap. 12.

Il-Qorti iddecidiet il-kawza billi ddikjarat li s-socjeta’ konvenuta hija obbligata li tikkostruwixxi u zzomm fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni u riparazzjoni t-triqat ta’ Santa Marija Estate *a spejjez* taghha; ikkundannat lis-socjeta’ konvenuta biex fi zmien tlett xhur tesegwixxi x-xoghlijiet kollha necessarji biex jigu mwettqa l-imsemmija obbligi kontrattwali, taht id-direzzjoni tal-Perit Joseph Ellul Vincenti li gie nominat ghal dan l-iskop; u awtorizzat lill-atturi jew lil min minnhom, biex fin-nuqqas, jesegwixxu l-istess xoghlijiet huma stess taht id-direzzjoni tal-perit nominandi *a spejjez* tas-socjeta’ konvenuta. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

2. Is-socjeta’ konvenuta hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u resqet diversi aggravji mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Dawn il-aggravji kienu jikkoncernaw a) l-interess guridiku tal-Kunsill Lokali, b) il-*‘locus standi’* tal-Kumitat ta’ Santa Marija Estate; c) l-interess guridiku tar-residenti ta’ Santa Marija Estate; u d) illi ma hemmx obbligu impost fuq is-socjeta’ konvenuta biex taghmel manutenzjoni tat-toroq *in kwistjoni*.

B’sentenza datata 25 ta’ Frar, 2005, il-Qorti tal-Appell rriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi a) iddikjarat fl-ewwel lok li l-meritu tal-kawza jikkoncerna t-toroq kollha ta’ Santa Maria Estate, il-Mellieha, *eccetto* dawk it-toroq li jissemmew f’paragrafu 16, billi dawn huma responsabbilita’ tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha; b) ordnat li jinhareg mill-kawza il-Kumitat dwar Santa Marija Estate billi dan m’ghandu ebda personalita’ guridika u m’ghandu ebda *‘locus standi’* f’dawn il-proceduri; c) ordnat li jinhargu mill-kawza dawk l-atturi li jissemmew f’paragrafu 22 billi dawn m’ghandhom ebda interess guridiku; d) kkonfermat il-bqija tas-sentenza bir-rizervi maghmula billi ddikjarat li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghax-xogholijiet mehtiega ta’ kostruzzjoni u manutenzjoni tat-toroq f’Santa Maria Estate, hlief ghal dawk imsemmija u konsegwentement ikkundannat lill-istess socjeta’ taghmel *a spejjez* taghha dawk ix-xoghlijiet mehtiega taht is-sorveljanza tal-Perit mahtur mill-ewwel Qorti u e)

ikkonfermat is-sentenza appellata inkwantu laqghet l’ahhar talba attrici.

3. L-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex twarrab is-sentenza taghha moghtija fil-25 ta’ Frar, 2005 u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza fuq il-kawzali tas-sub inciz (e) tal-Artiklu 811 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u dan bis-segwenti motivazzjonijiet.

L-esponenti umilment jidhrilha li ghandha ragunijiet validi sabiex titlob ir-ritrattazzjoni ta’ din il-kawza u dan *a bazi* tal-Artiklu 811 (e) tal-Kapitlu 12 li jipprovdi li *“jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin”*.

4. Qeghda tintalab ritrattazzjoni *a bazi* tal-Artikolu 811 (e) tal-Kapitlu 12 peress li l-Qorti tal-Appell fil-paragrafu 30 tad-*decide* taghha rreferiet ghall-ligi hazina f’zewg cirkostanzi differenti.

5. L-ewwel applikazzjoni tal-ligi hazina *da parti* tal-Qorti tal-Appell hija meta hija kienet qieghda tikkunsidra l-aggravju tas-socjeta’ konvenuta illi l-Kunsill Lokali tal-Mellieha ma kellux *‘locus standi’* fil-proceduri gudizzjarji. L-Qorti tal-Appell rravizzat li l-Kunsill Lokali kellu interess guridiku biex jistitwixxi proceduri gudizzjarji *a bazi* tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 33 tal-Kap. 363 li kif kkwotat il-Qorti tal-Appell jghid *“to provide for the collection and removal of all refuse from any public or private place, for the maintenance of cleanliness…”*.

Issa mill-fatti stess dedotti fic-citazzjoni u fis-sentenza dak li qed jintalab huwa li s-socjeta’ konvenuta *“tikkostruwixxi u zzomm fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni u riparazzjoni t-triqat”* mentri l-ligi tawtorizza l-indhil tal-Kunsill Lokali:-

*“for the collection and removal of all refuse from any public place or private place”*.

Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti applikat hazin dan l-Artikolu biex tawtorizza il-*“locus standi”* tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha.

Ghal kuntrarju ta' dan, l-Artikolu li huwa tajjeb u li japplika ghal kaz huwa proprju dak li jeskludi l-indhil tal-Kunsill Lokali, huwa l-paragrafu **(a)** tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 33 tal-Kap. 363 li jipprovdi:-

*"(a) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija,* ***li ma tkunx proprjeta' privata****..."*

Billi huwa car u manifest li hawn *si tratta* ta' proprjeta' privata, kif jallegaw l-atturi kollha, u li proprja ghalhekk il-Kunsill Lokali tal-Mellieha m'ghandux u ma kellux dritt li jaghmel din il-kawza.

Huwa car illi fir-rigward tal-mertu ta' din il-kawza kellu jkun il-paragrafu (a) u mhux il-paragrafu (b) tal-Artikolu 33 tal-Kap. 363 li kellu jigi applikat mill-Qorti tal-Appell.

6. It-tieni applikazzjoni tal-ligi hazina *da parti* tal-Qorti tal-Appell jirrigwarda l-parti tad-*decide* fejn il-Qorti tal-Appell bdiet tikkunsidra min huwa verament responsabbili ghal-manutenzjoni tat-toroq ta' Santa Marija Estate. Il-Qorti tal-Appell hadet *in konsiderazzjoni* l-Artikolu 20 (9)(i) tal-Ligijiet tal-Pulizija li jghid:

*"Kull triq ghandha tinzamm, mill-persuna li tkun fethitha, fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li joghgob lid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"*.

Izda anke hawn l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazina ghaliex hija kellha tapplika l-Artikolu 20 (9) (ii) li jipprovdi:

*"Is-sidien ta' kull proprjeta' li tmiss direttament ma' triq li ma tkunx proprjeta' tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjeta' b'enfitewsi, jitqiesu, ghall-fini ta' dan l-artikolu, li huma l-persuni li fethu din it-triq* ***u li huma s-sidien taghha****"*

Huwa dan l-Artikolu li kellu jigi applikat u dan ghal varji ragunijiet. L-ewwelnett ghaliex fil-fatt l-atturi f'din il-kawza huma kollha enfitewti u ghalhekk dan l-artikolu japplika

ghalihom. L-esponenti qeghda tissottometti li dan huwa l-artikolu tal-ligi li kellu jigi applikat anke minhabba l-fatt illi s-socjeta’ attrici ppruvat li l-enfitewti ihallsu *“street contribution”* lill-Gvern. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Joseph Attard datata 28 ta’ Ottubru, 1998 fejn esebixxa applikazzjonijiet tal-Awtorita’ tal-Ippjanar li juru bic-car li kemm l-enfitewti li joqghodu f’triqat pubblici u kemm enfitewti li joqghodu f’triqat privati jhalslu *“street contribution”*. Din hija prova cara li mihiex is-socjeta’ konvenuta li trid timmantjeni t-toroq privati izda huma l-enfitewti.

Huwa car illi din l-Onorabbli Qorti f’dan il-kaz ukoll japplikat hazin is-subinciz (i) tal-Artikolu 20 (9) flok is-subinciz (ii) ta’ l-istess artikolu li japplika ghal kaz.

Ghaldaqstant filwaqt li r-rikorrent jissottometti umilment dawn ir-ragunijiet lil din l-Onorabbli Qorti titlobha sabiex tilqa’ t-talba taghha tar-ritrattazzjoni tal-kawza citazzjoni numru 356/97 Kunsill Lokali et vs Central Mediterranean Development Corporation Limited et deciza fil-25 ta’ Frar, 2005, billi wara li twarrab u thassar is-sentenza taghha tal-25 ta’ Frar, 2005, terga’ tisma’ u titratta l-imsemmija kawza u bhala konsegwenza ta’ hekk joghgobha tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Frar, 2005, li *in forza* taghha din il-Qorti rriformat is-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u ddecidiet bil-mod segwenti, u *cioe’*,

1. tiddikjara fl-ewwel lok li l-meritu tal-kawza jikkoncerna t-toroq kollha li jinsabu gewwa Santa Marija Estate, il-Mellieha eccetto dawk it-toroq li jissemmew fil-paragrafu 16, supra, billi dawn huma responsabbilita’ tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha.

2. Tordna li jinhareg mill-kawza il-Kumitat dwar Santa Marija Estate billi dan m’ghandu ebda personalita’ guridika u m’ghandu ebda *locus standi* f’dawn il-proceduri.

3. Tordna li jinhargu mill-kawza dawk l-atturi li jissemmew fil-paragrafu 22 supra billi dawn m'ghandhom ebda interess guridiku.

4. Tikkonferma s-sentenza ghall-bqija bir-riservi maghmula hawn fuq, billi tiddikjara li s-socjeta' konvenuta responsabbli ghax-xoghlijiet mehtiega ta' kostruzzjoni u manutenzjoni tat-toroq gewwa Santa Marija Estate, hlief ghal dawk imsemmija fil-paragrafu (1) supra, u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta' taghmel, *a spejjez* taghha, dawk ix-xoghlijiet mehtiega taht is-sorveljanza tal-Perit mahtur mill-ewwl Qorti, b'dan li l-perjodu ta' tliet xhur jibda' jiddekorri mil-lum.

5. Tikkonferma s-sentenza appellata mkwantu laqghet l-ahhar talba attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza, is-socjeta' retrattanti qed tirrifjuta li tesegwixxi diversi xogholijiet fit-toroq ta' Santa Marija Estate, peress li qieset li dik ir-responsabbilita' ghaddiet f'idejn il-Gvern. Din id-difiza tal-imsemmija socjeta' giet imwarba kemm mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll minn din il-Qorti, diversament presjeduta. Is-socjeta' konvenuta issa, b'dawn il-proceduri, qed titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza minn din il-Qorti fuq il-motiv li din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2005, ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio et noe</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell [Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera] fit-12 ta' Mejju, 2003 gie osservat li, ***"dan l-istitut***

***huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.137) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) , "non suscettibili di una interpretazzione estensiva ma della sola letterale" (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910)"***.

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Sacerdot Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' April, 1958 [Vol. XLII.i.227], gie osservat li f'dawn il-kawzi (*cioe'* ta' ritrattazzjoni) wiehed ghandu dejjem ***"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.789) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolata, anki b'riferenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI, p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818)"***. Il-Qorti kompliet tghid, f'dik is-sentenza, li ***"ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombert jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol. VI fuq citata, jigi indirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"***.

Minbarra dan, sakemm din il-Qorti tkun ghadha qeghda tqis jekk jezistux ragunijiet tajbin bizzejjed biex thassar is-sentenza li taghha qed jintalab is-smigh mill-gdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindahal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-kunsiderazzjonijiet maghmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xoghol din il-Qorti *in rescindendo* m'huwiex dak li tgharbel mill-gdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet ghall-fehmiet taghha fis-sentenza impunjata: xoghol din il-Qorti hi li tqis jekk tirrizultax imqar wahda mic-cirkostanzi procedurali mahsubin fil-ligi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa' [ara App. Inf. 26.1.2005, fil-kawza fl-ismijiet ***<u>William Cassar Torregiani vs Direttur tas-Sigurta' Socjali</u>***].

L-ewwel allegata applikazzjoni hazina tal-ligi tolqot, mhux il-meritu tal-kawza, izda l-interess guridiku ta' wiehed mill-

atturi li jippromwovi din il-kawza. L-ezitu ta' din il-lanjanza bl-ebda mod ma tkun ta' pregjudizzju ghall-atturi l-ohra li favur taghhom it-talbiet gew milqugha. Is-socjeta' konvenuta qed tissottometti li din il-Qorti sabet interess guridiku fil-Kunsill Lokali tal-Mellieha b'applikazzjoni tal-artikolu 33(i)(b) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, mentri l-artikolu applikabbli kellu jkun l-artikolu 33(i)(a) li kien jeskludi l-interess mehtieg fil-Kunsill li jkun attur f'din il-kawza.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Fil-waqt li hu veru li skond l-artikolu 33(i)(a) il-Kunsill Lokali huma tenuti li jzomm fi stat tajjeb toroq <u>li ma jkunux proprjeta' privata</u>, is-sub-paragrafu sussegwenti jitfa' fuq il-Kunsilli Lokali l-obbligu ta' tindif fir-rigward ta' toroq <u>kemm privati kif ukoll pubblici</u>. It-toroq meritu ta' din il-kawza huma privati, u allura fil-waqt li l-Kunsill m'ghandux <u>ir-responsabilita'</u> ghall-manutenzjoni taghha, ghandu <u>interess</u> jara li dawn it-toroq jinzammu fi stat tajjeb, anke ghaliex ghandu r-responsabbilita' tat-tindif taghhom. Dan kien ir-ragunament ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2005. Din il-Qorti ma qaletx li l-Kunsill Lokali ghandu xi responsabbilita' fil-konfront ta' dawk it-toroq, izda li ghandu l-interess mehtieg biex isegwi u jara li min hu responsabbli li jzomm it-toroq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, fil-fatt, jesegwixxi dak l-obbligu. Dak li osservat din il-Qorti fis-sentenza citata huwa li jekk, kif gie allegat, is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu thejji u tiehu hsieb it-toroq ta' l-inhawi, il-kunsill kellu l-interess guridiku mehtieg biex jara li dik l-obbligazzjoni titwettaq. *Kwindi*, fuq din il-kwistjoni, ma jidhirx li hemm applikazzjoni hazina tal-ligi.

Fit-tieni lok, is-socjeta' konvenuta tallega applikazzjoni hazina tal-ligi meta din il-Qorti invokat l-artikolu 20(9)(i) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kellha tapplika is-sub-paragrafu (ii). Anke hawn din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Ir-responsabbilita' ghat-tiswija u l-manutenzjoni tat-toroq *in kwistjoni* ma gietx sostnuta *a bazi* ta' dan l-artikolu; ir-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta instabet li kienet kontrattwali mhux legali, u r-riferenza ghall-artikolu 20(9)(i) tal-Kap. 10 saret <u>biss</u> fil-

kuntest tal-interess guridiku tal-Kunsill Lokali, bhala *"lunga mano"* tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, li jara li kull triq tinzamm fi stat tajjeb.  L-artikolu 20 tal-Kap. 10, fil-kuntest tieghu, jipprovdi li, vis-a-vis l-awtoritajiet governattivi, kull min ikollu proprjeta' li tmiss direttament ma' triq, jitqies li huwa s-sid taghha u, *kwindi*, responsabbli li jara li t-triq tinzamm fi stat tajjeb ta' tiswija; l-istess artikolu, *pero'*, jipprovdi ulterjorment billi jirriserva d-dritt ta' regress ghal dawn il-persuni kontra min hu kuntrattwalment obbligat ghall-istess tiswija.  Fil-waqt li, allura, l-artikolu 20 jitfa' l-obbligu ta' tiswija fuq il-persuni li ghandhom proprjeta' li tmiss direttament ma' triq, u dan dejjem fil-konfront tal-awtoritajiet governattivi inkarigati bid-dmir li jaraw li t-toroq kollha jinzammu fi stat tajjeb ta' tiswija, l-istess artikolu jzomm ferm id-drittijiet ta' dawn il-persuni li jfittxu lil min hu obbligat kuntrattwalment ghall-esekuzzjoni tat-tiswijiet relattivi.  Din il-kawza mhiex kawza li saret fuq inizjattiva tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici (l-ufficcju mahtur mill-Gvern biex jara li t-toroq kollha jinzammu fi stat tajjeb), izda saret mis-sidien tal-proprjeta' li tmiss direttament ma' triq fejn qed jitolbu li s-socjeta' konvenuta tesegwixxi l-obbligu kuntrattwali taghha li jzommu t-toroq f'Santa Marija Estate fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.  *Kwindi*, l-artikolu 20(9)(ii) mhux applikabbli ghall-kaz, u ma jirrizultax, lanqas f'dan il-kaz, li kien hemm xi applikazzjoni hazina tal-ligi minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------